IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.9.2012
COM(2012) 498 final

2012/0236 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet jitlob li, fit-tielet sena tal-implimentazzjoni tal-pjan, tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF) evalwa l-pjan fl-2011. Fir-rapport tiegħu, is-STECF stqarr li l-pjan għall-merluzz ma kienx laħaq l-għanijiet tiegħu u li dawn x'aktarx ma kinux se jintlaħqu sal-2015. Barra minn hekk, ir-rapport żvela li kien hemm nuqqasijiet fit-tfassil tar-Regolament u problemi bl-implimentazzjoni tiegħu. Fid-dawl ta' dawn il-pariri u tal-opinjonijiet li ntbagħtu mill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u mill-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tipproponi emenda għar-Regolament. Il-proposta għall-emenda tar-Regolament ma tkoprix il-problemi kollha identifikati, billi din l-emenda hija maħsuba bħala soluzzjoni temporanja sa ma jiġi żviluppat u implimentat il-pjan għas-sajd imħallat fil-Baħar tat-Tramuntana kif antiċipat fir-riforma. Il-pjanijiet għas-sajd imħallat jirrappreżentaw approċċ ġdid u l-għodod xjentifiċi meħtieġa biex jiġi żviluppat, evalwat u vvalutat l-impatt tat-tali pjanijiet għadhom ma ġewx żviluppati għalkollox. Dal-ħin, huwa mistenni li dawn l-għodod se jkunu disponibbli aktar tard din is-sena. Dan imbagħad se jippermetti li jingħata bidu għall-proċess tal-iżvilupp u tal-valutazzjoni tal-impatt, permezz ta' serje ta' laqgħat matul l-2013 li jkunu jinvolvu lix-xjenzjati u lill-partijiet interessati. Minħabba li l-pjanijiet għas-sajd imħallat se jinvolvu kompromessi bejn l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet differenti maqbudin fl-istess tip ta' sajd, x'aktarx li se jkun hemm bżonn ta' aktar konsultazzjoni biex tiġi stabbilita l-konfigurazzjoni finali ta' pjan għall-Baħar tat-Tramuntana. Dan ifisser li mhux se jkun possibbli li jinħareġ pjan għas-sajd imħallat fil-Baħar tat-Tramuntana qabel l-2014. L-iżvilupp ta' pjanijiet għas-sajd imħallat f'żoni oħra fejn hemm stokkijiet tal-merluzz li huma koperti mill-pjan attwali għall-merluzz se jieħu iktar żmien – dan isaħħaħ il-bżonn li ssir emenda fil-pjan attwali għall-merluzz li tittratta l-ħtiġijiet l-iktar urġenti bħala soluzzjoni temporanja.

Il-kunsiderazzjonijiet ewlenin li jiġġustifikaw din l-emenda huma dawn li ġejjin:

- *Il-ħtieġa li jiġi llimitat l-ambitu sabiex jiġi evitat li jiżdied l-isforz billi jintużaw metodi tal-kalkolu differenti*

Ċerti Stati Membri bbenefikaw minn livelli ogħla ta' sforz tas-sajd minn dawk li l-pjan hu maħsub li jippermetti billi applikaw metodi differenti għall-kalkolu tal-isforz tas-sajd huma u jistabbilixxu l-valuri nazzjonali ta' referenza u huma u jikkalkulaw l-użu annwali tal-isforz tas-sajd.

Din l-emenda tiċċara l-fatt li, filwaqt li jeżistu metodi differenti għall-kalkolu, l-Istati Membri jridu jużaw l-istess metodu biex jikkalkulaw l-użu annwali tagħhom tal-isforz tas-sajd bħal dak li jkunu applikaw meta stabbilixxew il-valuri nazzjonali ta' referenza tagħhom għall-isforz tas-sajd.

Għalhekk, hemm bżonn tal-emenda proposta sabiex jiġi żgurat li l-pjan jaħdem kif maħsub. Dan se jwassal għal ġestjoni mtejba tal-istokkijiet tal-merluzz u għas-sostenibbiltà fit-tul tagħhom.

*- Il-ħtieġa li tiddaħħal il-flessibbiltà*

Ir-regoli tal-pjan marbutin mal-iffissar tal-qabdiet totali permissibbli (it-TACs) jeħtieġu l-istimi ta' ċerti parametri li jiddeskrivu l-istat tal-istokk, b'mod partikulari l-istimi tar-rati ta' mortalità mis-sajd u tal-bijomassa tal-istokk. F'ċerti żoni ġeografiċi m'hemmx biżżejjed tagħrif biex jiġu applikati dawk ir-regoli, u għalhekk il-pjan jipprevedi tnaqqis awtomatiku ta' 25 % fit-TACs u fl-isforzi f'dawn iċ-ċirkustanzi. Dik li kienet maħsuba bħala regola li kellha tiġi applikata f'ċirkustanzi eċċezzjonali spiċċat saret in-norma f'ċerti żoni, li fi ftit snin se twassal biex jingħalaq, b'mod effettiv, mhux biss is-sajd għall-merluzz, iżda wkoll is-sajd għal ħut ieħor li għalih jintuża l-istess tip ta' rkaptu fl-istess żoni. F'ċerti każijiet din mhijiex reazzjoni xierqa għall-parir xjentifiku. Għalhekk, huwa importanti li tinbidel ir-regola dwar x'għandu jsir f'ċirkustanzi fejn ma tistax tiġi applikata r-regola normali tal-ħsad, sabiex wieħed ikun jista' jaġixxi b'mod iktar flessibbli għall-pariri xjentifiċi fuq il-bażi ta' każ b'każ.

Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-partijiet interessati esprimew tħassib serju dwar iktar tnaqqis tal-isforz u dwar l-impatti ekonomiċi u soċjali ta' dan it-tnaqqis fuq l-industrija.

L-emenda tipproponi proċedura għall-iffissar tat-TACs u tal-isforz meta ma jkunx hemm it-tagħrif meħtieġ biex wieħed japplika r-regola normali tal-ħsad. Hija tipproponi li wieħed juża approċċ ta' każ b'każ, u għaldaqstant approċċ iktar flessibbli, minkejja li wieħed jibqa' jibbaża sewwa fuq il-pariri xjentifiċi disponibbli. Dan se jiżgura li jkun jista' jkompli jsir is-sajd, filwaqt li jinżamm approċċ ta' prekawzjoni.

L-emenda tipproponi wkoll li l-Kunsill jingħata l-permess jiddeċiedi kull sena jekk għandux jiġi applikat iktar tnaqqis fl-isforz annwali tas-sajd jew le, ladarba l-valur ta' referenza tal-isforz tas-sajd ikun tnaqqas għal erba' snin konsekuttivi. Dan bil-għan li jiġi indirizzat it-tħassib dwar in-natura kontinwa tat-tnaqqis fl-isforz tas-sajd fid-dawl tal-impatt ekonomiku u soċjali tiegħu fuq l-industrija.

*- Il-ħtieġa li tiġi ċċarata u ssimplifikata l-proċedura biex wieħed japplika l-Artikoli 11 u 13.*

Il-proċedura biex wieħed jeskludi mir-reġim tal-isforz tas-sajd dawk l-attivitajiet tas-sajd li permezz tagħhom jinqabdu kwantitajiet insinifikanti tal-merluzz spiċċat waħda kumplikata wisq, li toħloq piż amministrattiv konsiderevoli u li teħtieġ il-kalkolu mill-ġdid, b'mod kostanti, tal-isforz tas-sajd totali allokat sabiex tiġi evitata żieda fl-isforz tas-sajd mill-bastimenti li jibqgħu inklużi fl-iskema tal-isforz tas-sajd. L-emenda tfittex li tissimplifika l-proċedura, l-ewwel nett billi tiffissa d-data finali għat-tressiq ta' kwalunkwe talba biex jiġi emendat il-valur ta' referenza tal-isforz tas-sajd u t-tieni nett billi tagħmel lit-talbiet li jintlaqgħu applikabbli għall-bastimenti kollha li jissodisfaw l-istess kriterji mingħajr ma teżiġi lill-Istati Membri jressqu talbiet separati. Ċerti flotot li huma esklużi mhux se jikkwalifikaw għall-esklużjoni skont l-emenda proposta u għalhekk qed jiddaħħlu ċerti miżuri tranżizzjonali.

Qed tiġi proposta wkoll iktar simplifikazzjoni, permezz tal-kontroll imsaħħaħ li huwa possibbli bl-użu ta' attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fejn il-qabdiet kollha jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwota. Dak li qed jiġi propost huwa li l-bastimenti li jieħdu sehem fi provi tal-attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ jiġu eżentati mir-reġim tal-isforz. Is-STECF ivvaluta dan bħala għażla aċċettabbli tal-ġestjoni.

Il-verżjoni tal-Artikolu 13(2)(b) bil-Franċiż hija differenti minn dik bil-lingwi l-oħra – ħaġa li twassal għal implimentazzjoni differenti tar-Regolament. Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, din id-dispożizzjoni għandha tiġi ċċarata u

emendata. Il-verżjoni li qed tiġi proposta tikkorrispondi għall-verżjoni bil-Franċiż, li hija inqas restrittiva f'termini tal-implimentazzjoni. Il-bastimenti li ma joħorġux jistadu apposta għall-merluzz u li jkunu konformi mar-regola tal-kompożizzjoni tal-qabda ta' 5 % matul il-perjodu kollu ta' ġestjoni biss għandhom ikunu eliġibbli għal din id-deroga.

*- Il-ħtieġa li jitnaqqas ir-rimi tal-merluzz*

Wieħed mill-punti ewlenin ta' tħassib marbutin mar-Regolament attwali huwa li t-TACs ma llimitawx il-qabdiet tal-merluzz. Dan wassal biex intrema għadd konsiderevoli ta' qabdiet li kienu qabżu l-kwota. F'ċertu tip ta' sajd, il-miżuri meħudin mill-Istati Membri biex jiġi evitat il-merluzz u biex jitnaqqas ir-rimi kienu, parzjalment, ta' suċċess, fl-indirizzar ta' din il-problema. Iżda hemm provi li juru li hemm livelli konsiderevoli ta' rimi f'ċerti tipi ta' sajd fejn l-Istati Membri kkonċernati ma ħadu l-ebda miżura, anki jekk il-pjan kien jissuġġerixxi li huma jieħdu xi tip ta' azzjoni.

Fid-dawl tal-proposti tal-Kummissjoni biex jiġi eliminat ir-rimi fil-PKS irriformata, u tal-appoġġ kbir għal dan muri kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn ħafna mill-partijiet interessati, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE kollha tkun tappoġġa l-eliminazzjoni tar-rimi aktar milli tippermettih fil-fatt.

L-emenda tipproponi li ssaħħaħ l-obbligu tal-Istati Membri li jieħdu azzjoni f'każ li d-dejta tkun tikkonferma li hemm livell għoli tar-rimi f'ċerti tipi ta' sajd.

*- Il-ħtieġa li jiġi speċifikat il-livell ta' monitoraġġ u ta' kontroll meħtieġ*

Id-derogi mill-pjan li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 11 u 13 jirrappreżentaw riskju jekk ma jiġux implimentati kif suppost. Implimentazzjoni ħażina tista' thedded is-suċċess tal-pjan. Is-STECF evalwa l-implimentazzjoni ta' dawn id-derogi u nnota li hemm bżonn jissaħħu l-monitoraġġ u l-kontroll, kif ukoll ir-rekwiżit li tingħata d-dokumentazzjoni kollha li sservi ta' ġustifikazzjoni bażika għad-deroga.

Il-proposta tindirizza dan ir-riskju billi teżiġi li l-Istati Membri jassenjaw livell ta' "riskju għoli ħafna", kif deskritt fil-qafas ta' kontroll tal-politika komuni tas-sajd, lil dawk il-bastimenti li jibbenefikaw mid-derogi. Il-proposta teżiġi wkoll li l-Istati Membri jinkludu miżuri adegwati fil-programmi nazzjonali tagħhom ta' azzjoni ta' kontroll biex tkun żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet meħtieġa. Dawn l-emendi jispeċifikaw ir-rekwiżiti eżistenti u japplikaw biss jekk l-Istati Membri jużaw id-deroga.

*- Il-ħtieġa li jsir allinjament mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*

Il-pjan għall-merluzz sar qabel ma daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona. Minħabba li dan se jkompli jiġi applikat sa ma jinbidel bi pjan ġdid għas-sajd imħallat, il-proċeduri tiegħu jridu jinġiebu f'konformità mad-dispożizzjonijiet li bdew japplikaw għat-teħid tad-deċiżjonijiet minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-emenda proposta tallinja l-pjan mal-proċeduri l-ġodda tal-komitoloġija.

Għalhekk, tħejja abbozz ta' proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008.

Il-Kummissjoni qed tintalab tadotta din il-proposta malajr kemm jista' jkun u tgħaddiha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-bidliet li din l-emenda tintroduċi huma essenzjalment dawk meqjusa bħala neċessarji biex il-pjan jiġi implimentat kif kien maħsub fil-bidu. Il-bidliet se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni u fuq il-korpi xjentifiċi li huma inkarigati jipprovdu pariri xierqa.

L-abbozz tal-proposta tħejja wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati. Dawn il-konsultazzjonijiet qed jingħataw fil-qosor fit-tabella t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| STECF/ICES | Evalwazzjoni tal-pjan (li kienet miftuħa għall-partijiet interessati)<br><br>Approvata fis-seduta plenarja | F'Ġunju 2011<br><br>F'Lulju 2011 |
| Il-Kummissjoni | Laqgħa mal-partijiet interessati dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-għażla possibbli għall-valutazzjoni tal-impatt | F'Ottubru 2011 |
| Il-Kunsill | L-Istati Membri jitolbu bil-qawwa biex l-isforz tas-sajd jiġi ffriżat u biex il-bastimenti involuti fil-proġett tas-sajd iddokumentat bis-sħiħ jiġu esklużi mir-reġim tal-isforz | F'Diċembru 2011 |
| Il-Kummissjoni | Laqgħa mal-partijiet interessati dwar titjib possibbli fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-merluzz | F'Marzu 2012 |
| Seduta plenarja tas-STECF | Valutazzjoni tal-għażliet preliminari | F'April 2012 |
| Laqgħat bilaterali mal-Istati Membri | Tentattiv biex jiġu identifikati l-problemi speċifiċi tal-Istati Membri | F'Mejju u Ġunju 2012 |
| Il-grupp ta' ħidma tas-STECF dwar l-isforz tas-sajd | Analiżi tal-funzjonament tar-reġim tal-isforz | Mill-11 sal-<br>15 ta' Ġunju 2012 |
| Il-grupp ta' ħidma tas-STECF dwar pjan pluriennali (bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati) | Valutazzjoni tal-għażliet emendati u pariri dwar x'se jkun hemm bżonn isir sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet indikati fir-rapport tal-evalwazzjoni biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-pjan | Mit-18 sat-<br>22 ta' Ġunju 2012 |
| Sessjoni ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd | Konsultazzjoni ġenerali | Fil-5 ta' Lulju 2012 |

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

L-azzjoni legali ewlenija hija biex, kemm jista' jkun, jittejbu u jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li ġew identifikati fl-evalwazzjoni bħala problematiċi, b'mod partikulari:

– il-bidliet fl-Artikolu 4 għandhom l-għan li jagħlqu l-possibbiltà, mhux prevista, li l-Istati Membri jużaw livelli ogħla tal-isforz minn dawk li l-pjan kien maħsub li jippermetti, sempliċiment billi jibdlu l-metodi użati għall-kalkolu tal-isforz meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-valuri ta' referenza u dawk użati meta jkun qed jiġi kkalkulat l-użu;

– fl-Artikolu 9, proċedura għall-iffissar tat-TACs meta ma jkunx hemm it-tagħrif meħtieġ biex wieħed japplika l-Artikolu 7 jew 8. Minflok it-tnaqqis awtomatiku ta' 25 %, qed jiġi propost li wieħed juża approċċ ta' każ b'każ, u għaldaqstant approċċ iktar flessibbli, filwaqt li wieħed jibqa' jibbaża sewwa fuq il-pariri xjentifiċi disponibbli;

– dak li qabel kien l-Artikolu 11 qed jinqasam fl-Artikolu 11, l-Artikolu 11a u l-Artikolu 11b. Minflok ma jingħataw eżenzjonijiet lil gruppi ta' bastimenti speċifikati minn kull Stat Membru, l-eżenzjonijiet issa huma bbażati fuq kriterji li jkunu japplikaw, b'mod ġenerali, għal kwalunkwe bastiment li jilħaqhom, irrispettivament mill-Istat Membru fejn ikun irreġistrat. L-Artikolu emendat jevita wkoll il-bżonn li l-Kunsill jaġġusta kontinwament ix-xenarju ta' referenza;

– il-miżuri tranżizzjonali se jiżguraw li l-gruppi ta' bastimenti li huma diġà esklużi se jkunu suġġetti għall-kriterji li kienu fis-seħħ fi żmien l-esklużjoni tagħhom;

– qed jiddaħħal Artikolu ġdid – l-Artikolu 11c. Il-bastimenti involuti fi provi tal-attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fejn il-qabdiet kollha jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwota, qed jiġu eżentati mir-reġim tal-isforz tas-sajd;

– il-bidliet fl-Artikolu 12(4) qed isiru bl-istess raġunament li bih saru għall-Artikolu 9;

– fl-Artikolu 12 qed jiddaħħal paragrafu ġdid – il-paragrafu 6. Dan il-paragrafu jipprevedi l-possibbiltà għall-Kunsill li jiddeċiedi li ma japplikax aktar tnaqqis fl-isforz tas-sajd, ladarba l-limitu massimu tal-isforz tas-sajd ikun tnaqqas għal erba' snin konsekuttivi;

– l-Artikolu 13 qed jinkiteb mill-ġdid sabiex jitneħħew id-differenzi fl-interpretazzjoni bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti. Issa ġie ċċarat li r-rekwiżit li l-qabda tal-merluzz trid tkun ta' inqas minn 5 % tal-qabda totali jirreferi għall-kompożizzjoni tal-qabda matul il-perjodu kollu ta' ġestjoni, u mhux għall-kompożizzjoni tal-qabda ta' kull vjaġġ;

– fl-Artikolu 14, qed jissaħħaħ l-obbligu tal-Istati Membri li jindirizzaw il-kwistjoni tar-rimi minħabba li, skont ir-regolamentazzjoni attwali, dan mhuwiex il-każ, u l-livell ta' kontroll u monitoraġġ qed jiġi speċifikat skont il-ġestjoni bbażata fuq ir-riskju;

– il-bidliet fl-Artikolu 32 iġibu l-proċedura ta' kumitat f'konformità mar-regoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- Bażi legali

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta temenda miżuri li diġà jeżistu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008, u għaldaqstant ma tqanqal l-ebda tħassib dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità.

- Għażla tal-istrument

L-istrument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa minħabba r-raġuni li ġejja: Regolament irid jiġi emendat b'Regolament ieħor.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda nefqa addizzjonali għall-Unjoni.

2012/0236 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-evalwazzjoni xjentifika tal-prestazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet[2], imwettqa mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (is-STECF), żvelat li kien hemm għadd ta' problemi marbutin mal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Istati Membri użaw metodi differenti biex jikkalkulaw l-isforz tas-sajd fis-snin ta' referenza u biex jikkalkulaw il-konsum tal-isforzi rrappurtat fil-pjan. Dan ippermetta li jintuża livell ogħla tal-isforz minn dak li kien maħsub fil-pjan u, għaldaqstant, dan għandu jitranġa.

(3) In-nuqqas ta' valutazzjonijiet analitiċi f'ċerti żoni ġeografiċi jeskludi l-applikazzjoni tar-regoli għall-kontroll tal-ħsad u jwassal għal tnaqqis annwali awtomatiku ta' 25 % fit-TACs u fl-isforzi. Minn meta ġie implimentat il-pjan, l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd fiż-żoni kkonċernati tnaqqsu b'mod sinifikanti. L-evalwazzjoni xjentifika mwettqa mis-STECF tissuġġerixxi li, f'xi każijiet, ikun aktar xieraq li jintuża metodu tal-kejl ieħor u mhux il-mortalità mis-sajd sabiex jiġu stabbiliti t-TACs, minflok it-tnaqqis awtomatiku fit-TACs u fl-isforzi.

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.

(4) Il-pjan jipprevedi lok għall-esklużjoni ta' bastimenti li l-attivitajiet tagħhom ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għall-mortalità tal-merluzz. Sabiex wieħed jevita li l-isforz marbut ma' dawk l-attivitajiet jiġi dirett mill-ġdid lejn l-attività tas-sajd għall-merluzz, għandu jitnaqqas il-valur ta' referenza tal-isforz. Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat il-piż amministrattiv ta' kalkolu mill-ġdid kostanti tal-valur ta' referenza tal-isforz kull darba li tittieħed deċiżjoni li jiġu esklużi ċerti attivitajiet, ta' min jistabbilixxi kriterji ċari għall-esklużjoni, sabiex il-valuri ta' referenza tal-livelli tal-isforz ikunu jistgħu jiġu stabbiliti b'mod definittiv.

(5) Sabiex ikun eħfef li wieħed iwettaq attivitajiet tas-sajd iktar selettivi fl-attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fejn il-qabdiet kollha jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwota, huwa xieraq li l-bastimenti jiġu eżentati mir-reġim tal-isforz tas-sajd meta jkunu qed jieħdu sehem f'dawk il-provi.

(6) L-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli tnaqqsu b'mod sinifikanti għall-irkaptu ewlieni tal-qbid tal-merluzz sa minn meta daħal fis-seħħ il-pjan. Dan jista' jkollu impatt ekonomiku u soċjali sinifikanti fuq it-taqsimiet tal-flotta li jużaw l-istess tip ta' rkaptu iżda li jistadu prinċipalment għal speċijiet oħrajn u mhux għall-merluzz. Biex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, għandu jiddaħħal mekkaniżmu biex jissospendi aktar aġġustamenti fl-isforz tas-sajd.

(7) Minħabba li verżjoni waħda tal-Artikolu 13(2)(b) b'lingwa partikulari hija differenti minn dik bil-lingwi l-oħra, jeħtieġ li t-test ta' dik id-dispożizzjoni jinbidel sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dak l-Artikolu.

(8) Minħabba l-livelli għoljin ta' rimi tal-merluzz li ġew innutati tul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan, jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-rimi, fost l-oħrajn billi jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom lill-bastimenti b'tali mod li l-kwoti jkunu jaqblu kemm jista' jkun mal-qabdiet mistennija.

(9) Id-derogi mill-pjan li dwarhom hemm dispożizzjoni fl-Artikoli 11 u 13 jirrappreżentaw riskju għas-suċċess tal-pjan jekk ma jiġux implimentati kif suppost. Valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn id-derogi żvelat li hemm bżonn li jissaħħu r-rekwiżiti tal-monitoraġġ u tal-kontroll u r-rekwiżiti li tingħata d-dokumentazzjoni kollha li tiġġustifikahom. Minħabba li l-qafas tal-Unjoni għall-kontroll tas-sajd huwa bbażat fuq ir-riskju, l-attivitajiet li jitwettqu skont id-derogi għandhom jingħataw livell speċifiku "għoli ħafna" tar-riskju.

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[3] ħassar għadd ta' Artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 li kienu jirreferu għall-Annessi II u III. Minħabba li m'hemmx iktar referenzi għall-Annessi II u III fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008, dawk l-Annessi għandhom jitħassru.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

---

[3] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 4*

**Kalkolu tal-isforz tas-sajd**

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-isforz tas-sajd użat minn grupp ta' bastimenti għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-prodotti tal-valuri tal-kapaċità, mogħtija f'kW, għal kull bastiment u l-għadd ta' jiem li kull bastiment kien preżenti f'żona stabbilita fl-Anness I. Jum ta' preżenza f'żona għandu jkun kwalunkwe perjodu kontinwu ta' 24 siegħa, jew parti minnu, li matulu bastiment tas-sajd ikun preżenti fiż-żona u ma jkunx fil-port.

2. Meta jkunu qed jikkalkulaw jum ta' preżenza f'żona, l-Istati Membri għandhom jużaw l-istess metodu li jkunu użaw biex jistabbilixxu l-valur ta' referenza tal-isforz imsemmi fl-Artikolu 12(2)(a)."

(2) L-Artikolu 9 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Proċedura speċjali biex jiġu stabbiliti t-TACs**

1. F'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif biex it-TACs jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 7, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, fil-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż għandhom jiġu stabbiliti fil-livell indikat mill-pariri xjentifiċi. Madankollu, jekk il-livell indikat mill-pariri xjentifiċi jkun ogħla mit-TACs tas-sena ta' qabel b'iktar minn 20 %, dawn għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jkun 20 % ogħla mit-TACs tas-sena ta' qabel, u jekk il-livell indikat fil-pariri xjentifiċi jkun inqas mit-TACs tas-sena ta' qabel b'iktar minn 25 %, dawn għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jkun 25 % inqas mit-TACs tas-sena ta' qabel.

2. F'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif biex it-TACs jiġu stabbiliti skont il-paragrafu 1, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Kattegat, fil-Punent tal-Iskozja u fil-Baħar Irlandiż għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jikkorrispondi:

(a) għal tnaqqis ta' 25 % meta mqabbel mat-TAC tas-sena ta'qabel,

jew, jekk il-parir xjentifiku jirrakkomanda dan,

(b) għal tnaqqis ta' mhux aktar minn 25 % meta mqabbel mat-TAC tas-sena ta' qabel, flimkien ma' miżuri xierqa oħrajn.

3. F'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed tagħrif biex it-TACs jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 8, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak u fil-Kanal tal-Lvant għandhom jiġu stabbiliti billi jiġu applikati, *mutatis mutandis*, il-paragrafi 1 u

2 ta' dan l-Artikolu, sakemm il-konsultazzjonijiet man-Norveġja ma jwasslux għal ftehim dwar livell differenti tat-TAC."

(3) Fl-Artikolu 11, il-paragrafi 2 u 3 għandhom jitħassru.

(4) Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli 11a, 11b, 11c u 11d li ġejjin:

*"Artikolu 11a*

**L-esklużjoni tal-isforz tas-sajd użat f'ċerti żoni, f'ċertu fond jew minn ċertu rkaptu**

1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu l-isforz tas-sajd li bastiment juża waqt vjaġġ meta dawn ikunu qed jgħoddu l-isforz użat u jnaqqsuh mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli jekk:

(a) l-attività kollha tas-sajd ta' dak il-vjaġġ mill-bastiment ikkonċernat titwettaq 'il barra miż-żoni ta' distribuzzjoni tal-merluzz kif imniżżlin skont il-paragrafu 2;

jew

(b) jekk l-attività kollha tas-sajd ta' dak il-vjaġġ mill-bastiment ikkonċernat titwettaq f'fond ta' aktar minn 300 metru;

jew

(c) jekk, matul dak il-vjaġġ, il-bastiment ikkonċernat ikollu biss irkaptu rregolat wieħed abbord, li jkun imniżżel skont il-paragrafu 2.

2. Abbażi tat-tagħrif mogħti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 3, u skont il-pariri xjentifiċi mogħtija, il-Kunsill għandu jistabbilixxi lista ta' żoni li jkunu 'l barra miż-żoni ta' distribuzzjoni tal-merluzz u lista tal-irkaptu li l-attributi tekniċi tiegħu iwasslu għal qabdiet tal-merluzz li jkunu ta' anqas minn 1.5 % tal-qabdiet totali kollha, imkejlin skont il-piż.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif adegwat lill-Kummissjoni biex din tkun tista' tivvaluta jekk żona għandhiex tkun fuq il-lista taż-żoni msemmija fil-paragrafu 2 jew jekk irkaptu għandux ikun fuq il-lista tal-irkaptu msemmija fl-istess paragrafu.

4. Ir-regoli ddettaljati dwar il-format u l-proċedura għat-trażmissjoni tat-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3 lill-Kummissjoni jistgħu jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 32."

*"Artikolu 11b*

**Aġġustament tal-valur ta' referenza biex jiġi kkalkulat l-isforz tas-sajd massimu permissibbli**

1. L-isforz tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 11a(1), li jkun ikkontribwixxa biex jiġi stabbilit il-valur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 12(2)(a), għandu jitnaqqas mill-valur ta' referenza skont dan l-Artikolu.

2. It-talbiet għall-aġġustament tal-valur ta' referenza msemmi fil-paragrafu 1 għandhom jitressqu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sa [fi żmien sena minn meta tiġi adottata din l-emenda – se timtela bid-data eżatta].

3. Il-valur ta' referenza aġġustat għandu jintuża biex jiġi kkalkulat mill-ġdid il-livell tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-grupp tal-isforz ikkonċernat, billi jiġu applikati l-aġġustamenti annwali tal-perċentwali applikati sa mid-dħul fis-seħħ tal-pjan.

4. L-esklużjoni tal-isforz tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 11a tista' tiġi applikata għall-grupp tal-isforz rilevanti biss wara li l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jkun ġie kkalkulat mill-ġdid skont dan l-Artikolu.

5. Ir-regoli ddettaljati dwar il-format u l-proċedura għat-trażmissjoni tat-talbiet imsemmija fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni jistgħu jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 32."

*"Artikolu 11c*

**L-esklużjoni ta' bastimenti li jkunu qed jieħdu sehem fi provi ta' attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ**

1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu mir-reġim tal-isforz tas-sajd l-isforz tas-sajd użat minn bastiment meta dan ikun qed jieħu sehem fi provi ta' attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ li fihom il-merluzz kollu maqbud, inkluż ir-rimi, jingħadd u jitnaqqas mill-kwota.

2. Meta jiġi applikat il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaġġustaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit skont l-Artikolu 12(1) għall-grupp tal-isforz ikkonċernat, billi jnaqqsu ammont tal-isforz li jkun daqs dak użat mill-bastiment li jkun qed jieħu sehem fil-provi fis-sena ta' qabel ma ġie eskluż mir-reġim tal-isforz tas-sajd.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull aġġustament tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli li jkun sar skont il-paragrafu 2. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji tal-bastimenti esklużi u l-ammont tal-isforz tas-sajd imnaqqas kemm fil-livell aggregat, kif ukoll fil-livell tal-bastimenti.

4. It-trasferimenti tal-kwota tal-merluzz mill-bastimenti li jkunu esklużi mir-reġim tal-isforz tas-sajd skont il-paragrafu 1 u għal dawn il-bastimenti għandhom jiġu pprojbiti.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli ddettaljati dwar il-format u l-proċedura għan-notifiki msemmija fil-paragrafu 3 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 32."

*"Artikolu 11d*

**Miżuri tranżizzjonali dwar l-esklużjonijiet**

L-esklużjonijiet mir-reġim tal-isforz tas-sajd li kienu diġà fis-seħħ qabel l-[__ – *se timtela bid-data eżatta*] għandhom ikomplu japplikaw sakemm jibqgħu jintlaħqu l-kundizzjonijiet li bihom ingħataw dawk l-esklużjonijiet. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-

Kummissjoni, ta' kull sena, bi kwalunkwe tagħrif rilevanti li jippermettilha tistabbilixxi li dawk il-kundizzjonijiet għadhom qed jintlaħqu."

(5) L-Artikolu 12 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Għall-gruppi aggregati tal-isforz li l-perċentwal tal-qabda kumulattiva tagħhom, ikkalkulat skont il-paragrafu 3(d), huwa ta' 20 % jew ta' iktar minn hekk, għandhom japplikaw l-aġġustamenti annwali. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-gruppi kkonċernati għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) f'każijiet fejn japplikaw l-Artikoli 7 jew 8, billi jiġi applikat l-istess perċentwal ta' aġġustament għall-valur ta' referenza bħal dak stabbilit f'dawk l-Artikoli għall-mortalità mis-sajd;

(b) f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 9(1), billi jiġi applikat l-istess perċentwal ta' aġġustament għall-isforz tas-sajd bħal dak applikat għat-TAC meta mqabbel ma' tas-sena ta' qabel;

(c) f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 9(2), billi jiġi applikat tnaqqis ta' mhux aktar minn 25 %, meta mqabbel mal-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-gruppi tal-isforz ikkonċernati fis-sena ta' qabel, flimkien ma' miżuri xierqa oħrajn."

(b) Għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"B'deroga mill-paragrafu 4, meta l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jkun tnaqqas għal erba' snin konsekuttivi, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li ma japplikax aġġustament annwali għall-isforz tas-sajd massimu permissibbli fis-sena ta' wara jew fis-snin ta' wara."

(6) L-Artikolu 13(2)(b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) twassal għal kompożizzjoni tal-qabda, inkluż ir-rimi, ta' anqas minn 5 % tal-merluzz tul il-perjodu ta' ġestjoni;".

(7) Fl-Artikolu 14 għandhom jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. F'każijiet fejn id-dejta xjentifika turi li aktar minn 10 % tal-qabdiet totali tal-merluzz għal grupp tal-isforz partikulari jikkonsisti f'ħut mormi, jew f'każijiet fejn l-allokazzjoni tal-kwoti ma tikkorrispondix għall-qabdiet mistennija u x'aktarx li se twassal għar-rimi tal-merluzz, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu miżuri immedjati biex inaqqas kemm jista' jkun ir-rimi tal-merluzz.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi sabiex jiżguraw li jkun hemm il-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11a, 11b, 11c u 13, u għandhom jinkluduhom fil-programmi nazzjonali tagħhom ta' azzjoni ta' kontroll, hekk kif previst fl-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[4]. L-Istati Membri għandhom jassenjaw livell ta' "riskju għoli ħafna" lil dawk il-bastimenti li joperaw skont dawk l-Artikoli fil-ġesjtoni bbażata fuq ir-riskju tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009."

---

4 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(8) L-Artikolu 32 għandu jinbidel b’dan li ġej:

*“Artikolu 32*

**Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”

(9) L-Annessi II u III għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*